MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 558/2004

**Alfred Vassallo**

**vs**

**Big Ben Holdings Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u tlieta u sittin lira Maltin (Lm1,263.00) rappreznetanti danni kagunati mis-socjeta' konvenuta fil-fond numru 19, Alhambra Falts, Triq it-Torri, Tas-Sliema u dan wara li saru xi xoghlijiet strutturali fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta fil-hanut bl-isem ta' 'Zara' fl-Alhambra Centre liema hanut huwa sottostanti ghall-fond propjeta' tal-atturi.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti;-

Illi t-talbiet attrici huma kontestati billi s-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-hlasijiet reklamati mill-atturi.
Illi bla pregudizzju ghas-suespost ix-xoghlijiet twettqu minn kuntratturi tas-sengha u taht is-supervizjoni ta' perit arkitett.
Illi fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati ma jirrizultawx.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-attur huwa propjetarju tal-fond numru 19, Alhambra Flats, Flat 5, Triq it-Torri, Tas-Sliema liema fond huwa sovrastanti ghall-hanut bl-isem ta' Zara, propjeta' tas-socjeta' konvenuta. Fl-2002 u fl-2003 is-socjeta' konvenuta ghamlet xi xoghlijiet strutturali fil-fond propjeta' taghha u mir-rapport tal-Perit Papagiorcopulo (a fol. 17) inkarigat mill-attur jirrizlulta li bhala konsegwenza ta' dawn ix-xoghlijiet gew kawzati danni fil-fond propjeta' tal-attur. Dawn id-danni gew elenkati fid-dettall fl-imsemmi rapport u inoltre l-attur essebixxa sett ta' ritratti (a fol. 19) li jirriportaw il-hsarat lilu kkawzati. L-attur esebixxa wkoll l-ircevuti rigwardanti l-ispejjes minnu nkorsi sabiex isiru r-riparazzjonijiet interni fil-fond tieghu kif ukoll stima tax-xoghlijiet esterni li ghad iridu jsiru (a fol. 2 sa 4 u a fol. 20 u 21). Mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta wkoll li huwa kien informa lis-socjeta' konvenuta mal-ewwel dwar il-hsarat li kienu qed jigu kkawzati u fil-fatt din tal-ahhar baghtet il-perit ta' fiducja taghha sabiex jispezjona l-hsarat fil-fond tal-attur izda mbaghad ma sar xejn da parti taghha sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni.

Filwaqt li l-attur rnexxielu jipprova soddisfacentement u sal-grad rikjest mill-ligi t-talbiet tieghu, is-socjeta' konvenuta naqset milli tidher u milli tressaq provi in sostenn ta' dak minnha eccepit u saiex tirribatti l-provi

mressqa mill-attur, u dan nonostante li inghatat diversi opportunatijiet li taghmel dan.

It-Tribunal jidhirlu li t-talbiet attrici jrrizultaw soddisfacentement pruvati u ghandhom jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u tlieta u sittin lira Maltin (Lm1,263.00).

L-ispejjes ta' din l-sitanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------